MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2011

Numru. 72/2009

Il-Pulizija
(Sp Frans Micallef)
vs
Kevin Borg, iben John, imwieled Pieta’ fis-6 ta’ Lulju, 1979, Karta ta’ l-Identita numru 330679(M)
u
Alistair Scicluna, iben Emanuel, imwieled Pieta’ fid-19 ta’ Awwissu, 1985, Karta ta’ l-Identita numru 424485(M)
u
Oreste Camilleri, iben Oreste, imwieled Pieta’ fil-31 ta’ Mejju, 1987, Karta ta’ l-Identita numru 243187(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati:
1. talli f’Ħal-Luqa, fil-11 ta’ Novembru, 2007, għal ħabta tas-7.30 p.m. volontarjament ħassru għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli,

liema ħsara tammonta għal aktar minn €116.47 iżda anqas minn €1,164.69;
2. talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi kkaġunaw feriti ta' natura ħafifa, Kevin Borg fuq il-persuna ta' Alistair Scicluna, kif iċċertifika Dr. J. C. Abela M.D. u Alistair Scicluna u Oreste Camilleri fuq il-persuna ta' Ilona Bartolo, kif iċċertifika Dr. George Grech M.D.;
lil Kevin Borg, waħdu:
3. talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni LAW 015 b'manjiera perikoluza u b'veloċita' eċċessiva;
4. talli kiser il-kondizzjoni mposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-4 ta' Mejju, 2007;
5. Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija ta' Kevin Borg, l-imputat jiġi skwalifikat mill-liċenzji kollha tas-sewqan.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Marzu, 2011 fejn il-partijiet kollha ddikjaraw li mhux ser joffru x-xhieda tagħhom.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputati ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħhom u għalhekk tilliberhom mill-istess akkużi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------